MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Numru 838/2005

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud)
vs
Abdel-Rahman Yaiya Abdel-Latif,
iben Yaiya, imwieled Libja fil-25
ta’ awissu, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-18 ta’ settembru, 2005 għal ħabta tal-5.45 p.m., ġewwa Triq l-Erba’ Mwieżeb, San Pawl il-Baħar –

a. saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAM 019 u b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tajjar lill-PC1267 Andre Cassar Bonaci u involontarjament ikkaġunalu offiżi ta’ natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr. A. Vella M.D.;

b. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kkaġuna ħsara fuq radju tat-tip Midland, bin-numru serjali 9121700, liema radju hu proprjeta' tal-Gvern;
c. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAM 019 li kienet mobbgħija iżjed bil-passiġġieri hekk li ħoloq periklu lill-istess passiġġieri li kien hemm fiha;
d. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAM 019 b'ġiri aktar milli jmissu;
e. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAM 019 b'manjiera perikoluża;
f. talli ġewwa Triq il-Konversjoni ma Triq San Luqa, San pawl il-Baħar attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, cioe' PC1267 Andre Cassar Bonaci fil-waqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' april, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-radju meritu ta' din il-kawża hi tal-valur ta' Lm174.82.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' april, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u id-difensur ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 96, 226(1)(ċ) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn lira maltin (Lm200) u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm174.82 lill-Gvern ta' Malta bħala danni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------